MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 10/2002/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Andrew Dalli**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn u hamsa u sebghin liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (Lm2075.58) rappresentanti ammont dovut lill-istess socjeta in konnessjoni ma' hlasijiet ta' salarji, overtime, u bonus, maghmula lill-konvenut in eccess ghal dawk effettivament dovuti, kif ukoll in konsiderazzjoni tan-numru ta' sieghat mill-konvenut fil-fatt mahduma bis-sahra matul il-perjodu ta' l-impjieg tal-konvenut mas-socjeta, liema hlasijiet ma kienux dovuti, u dan skond invoice li jgib in-numru 2710 (anness mal-avviz dokument markat A).

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ April 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat l-anness dokument a fol 2 tal-atti.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-8 ta’ Ottubru 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta' Lm2075.58,0 bl-imghaxijiet legali mis-7 ta’ April 1998 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-7 ta’ April 1998 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------